MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. NEVILLE CAMILLERI

Seduta tad-19 ta' Frar, 2014

Numru. 6/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs.**

**Michael James Cassar**

Numru: 6/2010

Illum 19 ta’ Frar 2014

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat **Michael James Cassar**, ta’ erbgha u erbghin (44) sena, iben Edward u Jill neé Ayres, imwieled Londra, nhar il-21 ta’ April 1965, residenti fil-fond numru 30, Triq in-Ninfa Calypso, Mellieha u detentur tal-Karta tal-Identita’ bin-Numru 195884 (M) akkuzat talli:

1. fil-lejl ta’ bejn it-12 u t-13 ta’ Settembru 2009 gewwa Marsalforn, Ghawdex, ghal habta tas-siegha u kwart ta’ filghodu (01.15hrs) volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, ghad-dannu ta’ Anthony Smith (I.D. Nru. 31605(A)), liema hsara tiskorri l-valur ta’ mija u sittax-il Euro u sebgha u erbghin centezmu (€ 116.47).
Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Rat li l-Avukat Generali ta l-kunsens tieghu sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (Dok. “D“).

Rat li, meta sar l-ezami tal-imputat, l-imputat ta l-kunsens tieghu biex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet, fis-seduta tallum, lill-Prosekuzzjoni tiddikjara li l-kwerelant Anthony Smith miet fil-mori ta’ dawn il-proceduri u semghetha wkoll tiddikjara li dan kien l-uniku xhud taghha.

Rat illi l-kwerelant baqa’ ma xehed f’dawn il-proceduri.

Rat li l-imputat ghazel li ma jixhidx u li ma ressaq ebda provi.

**Ikkunsidrat**

Illi tenut kont ta’ dak li jirrizulta mill-atti processwali, specjalment minhabba l-fatt li l-kwerelant baqa’ qatt ma xehed f’dawn il-proceduri, u dana minhabba r-ragunijiet imsemmija mill-Prosekuzzjoni fis-seduta tallum, ma jirrizulta bl-ebda mod li l-imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat giet sodisfacentement pruvata u b’hekk l-imputat ser jigi liberat minnha.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, fuq nuqqas ta’ provi, ma ssibx lill-imputat hati tal-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u b’hekk tilliberah minnha.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------